# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**(Spettur Alfred Mangion)**

**Vs**

**Rusanka Dimitrova Staneva**

**Neli Ilieva**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Rusanka Dimitrova Staneva, detentriċi tal-karta tal-identita' Bulgara 647397686** kif ukoll **Neli Ilieva, detentriċi tal-karta tal-Identita' Bulgara 644921278** u li ġew mixlija talli bejn il-31 ta' Mejju 2018 u l- 5 ta' Ġunju 2018 ġewwa l-Belt Valletta b'diversi atti magħmulin f'ħinijiet differenti fil-gżejjer Maltin, u jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u liema atti ġew magħmula b'riżoluzzjoni wahda, ai termini tal-artikolu 18 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Mill-ATM tal- fergħa tal-Bank BOV ġewwa it-Triq ir-Repubblika l-Belt, f'diversi drabi ikkommettew serq ta' diversi flejjes, liema somma ta' flus

tammonta għal €500 billi għamlu użu illeċitu minn *credit card* liema serq hu kwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa w disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda inqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Maria Agius u/jew persuni oħra;

2. Għamlu użu ta' kodici ta' dħul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elektroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'kompjuter, dan sar għad-detriment ta' Maria Agius u/jew persuni ohra;

3. Ikkomettew serq ta' kartiera bi flus kontanti, diversi dokumenti u *credit card* maħruġa mill-bank BNF għad-detriment ta' Maria Agius u/jew persuni oħra liema serq huwa kkwalifikat bħala serq sempliċi;

4. Ikkomettew serq ta' kartiera bi flus kontanti u *debit cards* maħruga mill-bank BNL għad-detriment ta' Lorena Rossi u/jew persuni oħra liema serq huwa kkwalifikat bħala serq semplici;

5. Bil-ħsieb li għamlu reat ta' serq permezz ta' karti ta' kreditu għad-detriment ta' Lorena Rossi u/jew entitajiet oħra urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w independenti mill-volonta' tagħhom u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bħala serq sempliċi;

6. Ikkomettew serq ta' kartiera bi flus kontanti, diversi dokumenti u ġiżirana għad-detriment ta' Joan Vella u/jew persuni oħra liema serq huwa kkwalifikat bħala serq sempliċi;

Rat li matul is-seduta tal-12 ta' Novembru 2018 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Illi matul l-eżami magħmul għall-kull waħda mill-imputati rispettivament ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, l-

imputati debitament assistit Dr. Shazoo Ghaznavi, separatament stqarrew li kienu inkondizzjonatament ħatja tal- imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi li jitnisslu mill-ammissjoni reġistrata minnhom, fis-sens illi minħabba din l-ammissjoni il-Qorti tkun tista' tiddikjarhom ħatja tal-imputazzjonijiet ammessi u tgħaddi biex tagħti sentenza kontra tiegħhom li tkun tista' tinkludi l-piena ta' priġunerija jew pieni oħra skont il-Liġi.

Illi wara li tagħthom żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedu jekk hux ser jerġgħu lura mill-ammissjoni reġistrata minnhom, l-imputati, fil-preżenza tal-interpretu u wara li kkonferew mal-Avukat Difensur, stqarru li huma kienu fehemu t-twissija li tagħthom il-Qorti u ddeċiedew li jtennu kull waħda minnhom separtament li huma ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Il-Qorti fliet id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali, inkluż il-fedina penali tal-imputati u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

***Ikkunsidrat : -***

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputati, imtennija minnhom wara d-debita twissija, din il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom skont kif intqal aktar il-fuq.

## ***DECIDE:***

li wara li rat l-Artikoli 261 (c), 267, 279 (a), 284 u 337C (1) (f) nonche 41 (1) (a) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lil imputati **Rusanka Dimitrova Staneva** u **Neli Ilieva**, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tagħhom stess mistqarra separatament, ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u tikkundanna lil kull waħda minnhom separatament għal perjodu ta' **disa' (9) xhur priġunerija.**

Inoltre, il-Qorti tastjeni milli tiehu kunjizzjoni fir-rigward tal-hlas tal-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, inkwantu ma saru ebda tali spejjeż.

Il-Qorti rat l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-atti ta' din il-kawża flimkien ma din is-sentenza jiġu mgħoddija lill-Avukat Ġenerali skont il-Liġi.

***Moghtija illum 12 ta` Novembru, 2016 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***